32000D0678

L 281/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.11.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ottubru 2000

li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni ta' rziezet f'*databases* nazzjonali għall-majjali kif previst mid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE.

(notifikata taħt id-dokument numru C(2000) 3075)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/678/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE dwar problemi ta' saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'bhejjem bovini u majjali [1], emendata u aġġornata mid-Direttiva 97/12/KE [2] kif l-aħħar emendata mid- Direttiva 2000/20/KE tal- Parlament Ewropew u tal- Kunsill [3] u b' mod partikolari l- l-Artikolu 14(3)(ċ)(4),

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat il- karattru operazzjonali tal-bażi ta' tagħrif għall-majjali huwa importanti li jiġi ffissat liema data għandu jkun fih dan il-bażi ta'tagħrif.

(2) Bħala l- ewwel pass huwa konvenjenti li tigi ffissata d-data li tirrigwarda l- informazzjoni dwar ir- reġistrazzjoni ta' l- irziezet tal-majjali.

(3) Huwa importanti li l-bażijiet ta'tagħrif kollha ta' l- Istati Membri ikun fihom ċerta informazzjoni obbligatorja, u huwa utli li tiġi ffissata lista ta' informazzjoni addizzjonali magħżula.

(4) Il- miżuri pprovduti f'din id-deċisjoni huma skond l-opinjoni tal- Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Ir- reġistru tar-rziezet irid ikun fih mill-inqas din l-informazzjoni li ġejja dwar kull razzett tal-majjali:

(a) il-kodiċi tal- pajjiż u n-numru ta' identifikazzjoni li jikkonsisti f' mhux iktar minn 12-il figura (apparti mill-kodiċi tal- pajjiż);

(b) l- indirizz tar- razzett;

(ċ) l-isem u indirizz tal- persuna responsabbli għall- annimali;

(d) l- irjieħat ġeografiċi jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi ekwivalenti tar- razzett;

(e) settur ta' informazzjoni fejn l- awtorita' kompetenti tista' ddaħħal informazzjoni sanitarja, per eżempju restrizzjonijiet dwar movimenti, status jew informazzjoni relevanti oħra fil- kuntest ta' programmi Komunitarji jew nazzjonali.

2. Flimkien ma' l-informazzjoni prevista fil- paragrafu 1, ir-reġistru tar- razzett jista' jkun fih l- informazzjoni li ġejja dwar kull razzett bil- majjali:

(a) tip ta' produzzjoni;

(b) kapacita';

(ċ) l-isem u indirizz ta' sid ir-razzett:,

(d) l-isem u indirizz tal- persuna responsabbli għall- miżuri sanitarji;

(e) informazzjoni oħra meqjusa neċessarja mill- awtorita' kompetenti.

L- Istati Membri għandhom jinfurmaw lill- Kummissjoni bl-informazzjoni msemmija fil- paragrafu 2 li hija inkluża fir-reġistru tar- razzett fis- sistemi nazzjonali ta' tagħrif dwar il-majjali.

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 109, tal-25.4.1997, p. 1.
[3] ĠU L 163, ta' l-4.7.2000, p. 35.

Artikolu 2

Din id- deċisjoni hija indirizzata lill- Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Ottubru 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni